MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 82/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nicholas Mamo**

Kaz Numru: 82/2013

Illum 13 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Mamo**, ta’  hamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Mary neé Farrugia, imwieled Attard, Malta, nhar l-20 ta’ Novembru 1977, residenti Block 1, Flat 5, Vjal De La Cruz, Qormi, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 596877(M), akkuzat talli nhar it-12 ta’ Mejju 2013

ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (19.30hrs) gewwa l-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PC 1571 Mario Azzopardi persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC1571 Mario Azzopardi, li huwa persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr awtorizzazjoni b'ligi, rema, tefa' jew iddepozita f'xi triq jew post pubbliku, zibel, boroz, hwejjeg, jew karti fi spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen, jew indecenti li jikkonsisti ukoll f'dagha, u ghamel atti jew gesti oxxeni.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet l-apologija tal-imputat ghal dak li ghamel fit-12 ta' Mejju 2013.

Semghet lill-parti leza PC 1571 Mario Azzopardi jaccetta l-apologija tal-imputat u semghetu jghid li huwa ma sofra ebda griehi.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B"), l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u l-fatt li l-imputat ghamel apologija lill-parti leza, liema apoligija giet accettata mill-istess parti leza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 95, 96, 338(bb) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Nicholas Mamo hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Tenut kont ta’ dak li gie verbalizzat fis-seduta tallum mill-parti leza, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandhom jigu applikati Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------